MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 239/2021 LM

**Carmelo sive Charles Bianco (K.I. nru. 44368(M)) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Western Company Limited**
*('l-appellat nomine')*

***vs.***

**Clayton Sciberras (K.I. nru. 84488(M))**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Clayton Sciberras (K.I. nru. 84488(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mis-sentenza mogħtija fl-1 ta' Mejju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tar-rikorrent **Carmelo sive Charles Bianco (K.I. nru. 44368(M)) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Western Company Limited (C 19994)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat nomine'] kif ġej:

> *"Konklużjoni*
>
> *49. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda:*
>
> 1. *Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà intimata;*
> 2. *Tiċħad l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent;*
> 3. *Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tar-rikorrent;*
> 4. *Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà intimata.*
>
> *L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu subiti in kwantu għal żewġ terzi mir-rikorrent u in kwantu għal terz mis-soċjetà intimata"*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw ittra uffiċjali li ġiet ippreżentata mill-appellat nomine fit-22 ta' Ġunju, 2020 fil-konfront tal-appellant *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12, u li ġiet reża eżegwibbli fil-31 ta' Lulju, 2020 wara n-notifika tiegħu.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellant istitwixxa dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fil-konfront tar-rikorrent nomine, fejn talab lil dik il-Qorti sabiex jogħġobha:

*"1. Tordna ir-rexissjoni tal-ittra uffiċjal 68/2020 preżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 fl-ismijiet "Carmeli sive Charles Bianco (K.I. 44368M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Western Company Limited vs Clayton Sciberras";*

*2. Tiddikjara li l-ittra uffiċjali 68/2020 surriferita hija nulla u bla effett;*

*3. Tiddikjara null u bla effett u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv 823/2021 preżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Carmelo sive Charles Bianco (K.I. 44368M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Western Company Limited vs Clayton Sciberras" maħruġ in eżekuzzjoni tal-istess ittra uffiċjali 68/2020;*

*4. Tordna lil Carmelo sive Charles Bianco (K.I. 44368M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Western Company Limited jippreżenta l-kontro-mandat opportun għar-revoka tal-mandat surriferit 823/2021 entro terminu qasir u perentorju a spejjeż tiegħu bin-notifika lis-sekwestratarji kollha ndikati fil-Mandat ta' Sekwestru 823/2021 u f'każ li jibqa' moruż tawtorizza lill-esponenti sabiex a spejjeż tal-istess Carmelo sive Charles Bianco (K.I. 44368M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Western Company Limited jippreżenta l-kontro-mandat relattiv;*

*5. Tawtorizza lill-esponenti jiżbanka kull ammont depożitat fir-Reġistru tal-Qorti mis-sekwestratarji in segwitu għall-Mandat ta' Sekwestru 823/2021 preżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Carmelo sive Charles Bianco (K.I. nru. 44368(M)) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta Western Company Limited vs Clayton Sciberras"*

*U dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

4. L-appellat nomine eċċepixxa li t-talbiet tal-appellant għandhom jiġu miċħuda għas-segwenti raġunijiet: (a) l-ittra uffiċjali in kwistjoni ma tistax tiġi rexissa, iżda jibqa' jkollha effetti ta' ittra uffiċjali normali; (b) l-appellant qed jagħmel żewġ proċeduri f'waħda li ma jistax isir; (ċ) ir-raba' talba hija nulla għaliex il-Kap. 12 ma jikkontemplax ordni lill-kreditur sabiex huwa stess joħroġ kontro-mandat a spejjeż tiegħu; (d) is-subartikolu 166A(3) tal-Kap. 12 jirrikjedi taħt piena ta' nullità li m'hemmx ħtieġa ta' avukat għall-preżentata ta' nota, u dan b'kuntrast tal-L.S.12.12, b'dana li m'għandux jiġi ppreġudikat l-istess

appellat nomine; (e) m'hemm l-ebda diskrepanza fil-valur stante li mid-data li fiha ġie ffirmat il-ftehim ta' bejniethom sad-data li fiha ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali, kienu ddekkorrew l-imgħaxijiet; u (f) fl-ittra uffiċjali kien hemm imsemmi l-kambjali u anki l-ftehim bil-miktub li ġie anness mal-istess ittra uffiċjali.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*
>
> *8. Fir-risposta tagħha s-soċjetà rikorrenti tat tlett eċċezzjonijiet ta' natura proċedurali li hija sejħet "preliminari". L-ewwel eċċezzjoni tikkonċerna il-validità tal-ewwel żewġ talbiet fir-rikors promotur. It-tieni eċċezzjoni tikkonċerna l-kwistjoni jekk f'każ li l-Qorti tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrent, tistax tordna ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru. It-tielet eċċezzjoni tikkonċerna l-konsegwenzi ta' ordni ta' revoka ta' mandat ta' sekwestru.*
>
> *9. Minkejja li s-soċjetà issejjaħ dawn it-tlett eċċezzjonijiet, "eċċezzjonijiet preliminari", hija biss l-ewwel eċċezzjoni li hija preliminari, għax iż-żewġ eċċezzjonijiet l-oħra jirrigwardaw ir-rimedji disponibbli f'każ li din il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti fil-meritu. Għaldaqstant f'dan l-istadju, din il-Qorti sejra tikkunsidra biss l-ewwel eċċezzjoni preliminari. Mil-lat loġiku, it-tieni u it-tielet eċċezzjonijiet jistgħu jiġu ikkunsidrati biss, jekk din il-Qorti tiddeċiedi li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata u tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent.*
>
> *<u>L-Ewwel Eċċezzjoni Preliminari – In-Nullità tal-ewwel u t-tieni talba tar-rikors promotur</u>*
>
> *10. L-ewwel talba tar-rikorrent hija sabiex din il-Qorti tordna r-rexissjoni tal-ittra uffiċjali in kwistjoni, filwaqt li t-tieni talba hija sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-ittra uffiċjali in kwistjoni hija nulla u bla effett. Is-soċjetà intimata tissottometti illi meta*

*tintlaqa' talba taħt l-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12, l-ittra uffiċjali in kwistjoni tibqa' fir-Registru ta' din il-Qorti u jibqa' jkollha effetti ta' ittra uffiċjali normali. Huwa t-titolu eżekuttiv li wieħed jottjeni permezz tal-proċedura in kwistjoni li jiġi rexiss, iżda l-ittra uffiċjali ma tiġix rexissa.*

*11. L-Artikolu 166A(5) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jippreskrivi hekk:*

"(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:

(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew
(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)".

*(sottolinear ta' din il-Qorti).*

*12. Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li dan ir-rikors qiegħed isir a bażi ta' dan l-Artikolu 166A(5). Huwa vera li meta jinqara in isolament dan is-subinċiż ta' dan l-Artikolu donnu jindika li huwa it-titolu eżekuttiv ottenut li għandu jiġi rexiss, u iddikjarat null u bla effett, jekk it-talba tar-rikorrent tiġi milqugħa u mhux l-ittra uffiċjali innifisha. It-talba tar-rikorrent tista' tintlaqa' biss għaż-żewġ raġunijiet imsemmija fl-istess subinċiż. (ara Artikolu 166A(6) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili)*

*13. It-titolu eżekuttiv għandu jiġi annullat inter alia jekk il-htiġijiet stipulati fis-subinċiżi (1), (2) u (3) tal-Artikolu 166A ikunu nieqsa. L-Artikolu 166A(2) jippreskrivi li fl-ittra uffiċjali* "għandu jiġi dikjarat b'mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba … …" *L-Artikolu 166A(3) jkompli jgħid hekk:* "L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur … …" *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

*14. L-Artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jippreskrivi hekk:*

"L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata – (a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament; … … (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi."

*15. L-Artikolu 789(d) huwa applikabbli għal każ odjern għaliex evidentement, it-talba tar-rikorrent hija ibbażata inter alia fuq allegazzjoni tan-nuqqas tar-rekwiżiti sostanzjali preskritti mil-liġi fl-Artikolu 166A(2) tal-istess Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. In oltre, il-każ odjern jinkwadra ruħhu wkoll fis-subparagrafu (a) tal-istess Artikolu 789 għal raġuni illi x-xorta ta' nullità hawn eżaminata hi wkoll hekk* "iddikjarata mil-liġi espressament" ("taħt piena ta' nullità").

*16. L-istess argument huwa applikabbli għal nuqqas li jiġi osservat l-Artikolu 166A(3) fuq ċitat, għalkemm ir-rikorrent mhux qed jitlob in-nullità tal-ittra uffiċjali taħt dan is-subinċiż.*

*17. B'rabta għall-proviso tal-Artikolu 789 fuq riferit, il-Qorti żżid tgħid li jekk għal grazzja tal-argument biss, hija tasal għal konklużjoni li xi wieħed mir-rekwiżiti preskritt taħt piena ta' nullità fl-Artikolu 166A(2) huwa nieqes fil-każ odjern, l-ittra uffiċjali de quo lanqas ma tista' tiġi debitament korretta, ġialadarba mhux possibbli li jsir dan una volta l-materja issa għaddiet fil-fażi eżekuttiva tagħha;*

*18. Għaldaqstant, jekk din il-Qorti tasal għal konklużjoni li r-rekwiżiti preskritti taħt piena ta' nullità fl-Artikolu 166A(2) huma nieqsa fl-ittra uffiċjali de quo, il-Qorti trid bilfors tiddikjara l-ittra uffiċjali nulla, u mhux tannulla biss it-titolu eżekuttiv ottenut in forza ta' dik l-ittra uffiċjali. Ovvjament l-ittra uffiċjali tibqa' fir-Reġistru ta' din il-Qorti, iżda ma jkollha l-ebda effett legali – lanqas dawk ta' ittra uffiċjali normali.*

*19. Is-soċjetà intimata ċċitat in sostenn tat-teżi tagħha s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta (fn. 1* **Architecture 360 Limited vs Mario Camilleri** *deċiża minn din il-Qorti (per Maġistrat Rachel Montebello) fil-21 ta' Ġunju 2021.) fejn ġie ritenut li n-nullità ta' ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Artikolu 166A hija espressament ravviżata u dikjarata mil-liġi biss fl-Artikolu 166A(3) rigward it-twissija li għandha tingħata lid-debitur u fil-każ prospettat fl-Artikolu 166A(3)(e) fin-nuqqas ta' notifika lill-assigurazzjoni awtorizzata. Però, kif ingħad aktar 'il fuq, l-Artikolu 166A(2) ukoll espressament jiddikjara n-nullità tal-ittra uffiċjali jekk ma jkunx fiha r-rekwiżiti speċifikati fl-istess sub-inċiż. In oltre fis-sentenza ċitata mis-soċjetà intimata, in-nullità tal-ittra uffiċjali kienet qed tintalab unikament fuq il-bażi li l-ittra uffiċjali ma ġietx notifikata lid-debitur skont il-liġi, u din il-Qorti, diversament preseduta, kellha raġun tgħid li f'dak il-każ, il-liġi ma kinitx espressament timponi s-sanzjoni tan-nullità tal-ittra uffiċjali. Fil-proċeduri odjerni, ir-rikorrent qed jallega li r-rekwiziti imposti taħt piena ta' nullità fl-Artikolu 166A(2) ma ġewx osservati, u l-meritu ta' dawn il-proċeduri huwa differenti mill-meritu tal-proċeduri fis-sentenza ċitata.*

*20. Is-soċjetà intimata qiegħda tinsa li din hija proċedura speċjali, u li għaliha japplikaw regoli speċjali. Fil-fatt il-*marginal note *tal-Artikolu 166A tgħid hekk*

"Proċeduri speċjali għar-rigward ta' talbiet mhux opposti eċċ." *Il-proċedura speċjali kontemplata fl-Artikolu 166A mhix intiża biex tinterrompi l-preskrizzjoni, però hija intiża li tevita l-proċediment ġudizzjarju tal-kawża u l-ħela ta' enerġija u spejjeż żejda, fl-istess waqt li toħloq t-titolu eżekuttiv.*

*21. Konsegwentement l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà intimata qiegħda tiġi miċħuda.*

*<u>Il-Meritu</u>*

*22. Il-Qorti se tikkunsidra l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti flimkien stante li t-tnejn jikkonċernaw il-meritu tal-vertenza. Ir-rikorrent qed jitlob li l-ittra ufficjali tigi dikjarata rexissa u dikjarata nulla għal żewg raġunijiet li se jiġu ikkunsidrati separatament.*

*(i) L-Ittra Uffiċjali ma saritx skont il-forma stabbilita fl-Avviż Legali 278 tal-2005 (L.S. 12.22)*

*23. Ir-rikorrenti jissottometti li l-forma tal-ittra uffiċjali għall-finijiet tal-Artikolu 166A(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili hija dik stabbilita fl-Avviż Legali 278 tal-2005. Ir-Regolament 2 ta' dan l-Avviż Legali jgħid hekk:*

> "F'kull ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A, għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti, dan l-avviż li ġej:
>
> "Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. <u>Għalhekk huwa fl-interess tiegħek</u> <u>li tkellem avukat jew prokuratur legali</u>."

*24. L-intestatura tal-ittra ufficjali mertu ta' din il-proċedura tgħid hekk:*

> "Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fin-nuqqas li twieġeb fi żmien tletin (30) jum minn mindu tiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi tippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba, u li tista' tiġi iffirmata u ppreżentata fil-Qorti minnek stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, din l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv."

*25. Ir-rikorrent jissottometti li f'dan l-avviż, it-twissija* "Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali" *hija nieqsa. Huwa jgħid li tali nuqqas huwa ta' preġudizzju u pjuttost iwassal għall-konklużjoni f'persuna ordinarja u mhux intiża f'proċeduri legali li saħansitra m'hemmx ħtieġa li wieħed jikkonsulta avukat jew prokuratur legali ġja la darba n-nota tista' ssir mill-intimat stess.*

*26. Issa l-Artikolu 166A(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jippreskrivi hekk:*

"L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv … …".

*27. Is-soċjetà intimata tissottometti li hija din it-twissija fl-ittra uffiċjali de quo li tirrifletti d-diċitura tat-twissija preskritta fl-Artikolu 166A(3) u li hi din id-diċitura li trid tiġi inkluża fl-ittra uffiċjali taħt piena ta' nullità, u mhux it-twissija bi kliem ftit differenti kontemplata fl-Avviż Legali 278 tal-2005. Dan l-Avviż Legali ġie maħruġ* ai termini *tal-Artikolu 166A(2) li jippreskrivi li l-ittra uffiċjali għandha* "tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b'avviż legali".

*28. Kif sewwa rrilevat is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha, jidher li meta l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja abbozza dan l-avviż legali nesa li l-Parlament, u ċioe l-leġislatur, kien diġà ippreskriva d-diċitura tat-twissija fl-Artikolu 166A(3), u stabilixxa avviż b'diċitura differenti fl-avviż legali, li hi liġi sussidjarja.*

*29. Issa hu prinċipju ben assodat fil-każistika tal-Qrati tagħna li liġi sussidjarja ma tistax tkun kunfliġġenti mal-liġi prinċipali. Fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs George Pace*** *deċiża fil-15 ta' Mejju 1937, il-Qorti tal-Appell Kriminali (fn. 2 Per Imħallef William Harding Vol. XXIX-IV-697) irriteniet hekk:*

"Huwa elementari illi r-regolament maħruġ mill-poter eżekuttiv bis-saħħa tal-liġi li awtorizzat li jagħmel dak ir-regolament ma jistax joħroġ barra mil-limiti tal-istess liġi, u ma jistax jikkontradiċi għal-liġi stess, tant illi lill-Qorti ġie dejjem rikonoxxut il-jedd li jeżaminaw jekk regolament maħruġ bis-saħħa ta' liġi hix "intra" jew "ultra vires". *(fn. 3 Ara wkoll fl-istess sens* ***Il-Pulizija vs John Lyons*** *deċiża fit-18 t'Ottubru 1948 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (per Imħallef William Harding) Vol. XXX-IV-697)*

*30. Sentenza oħra b'fatti speċi analogi għal dik tal-każ odjern hija* ***Il-Pulizija vs Ganni Vassallo*** *deċiża fit-28 ta' Ġunju 1952 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (fn. 4 Per Imħallef William Harding Vol. XXXXVI-IV-787), fejn ġie ritenut li meta l-liġi tagħti s-setgħa lil awtorità amministrattiva, f'dak il-każ il-Gvernatur, li tagħmel regolament, din ma tistax tiġi interpretata fis-sens* "li tinkludi s-setgħa li b'dawk ir-regolamenti tiġi newtralizzata l-liġi prinċipali ('enabling law'), billi b'regolament tiġi kontemplata vjolazzjoni ġa kontemplata fil-liġi u tiġi magħmula soġġetta għal piena anqas. Il-vjolazzjonijiet kontemplati fir-regolamenti għandhom jitqiesu li huma dawk li ma humiex ġia 'expressis verbis' kontemplati fl-'enabling law'".

*31. A bażi ta' dan l-insenjament, la darba il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ippreskriva fl-Artikolu 166A(3) id-diċitura tat-twissija lid-debitur li għandha tiġi inkluża fl-ittra uffiċjali, il-Ministru responsabbli għal Ġustizzja ma setgħax permezz ta' regolament (fl-Avviż Legali 278 tal-2005) jippreskrivi diċitura differenti tat-twissija li għandha tiġi inkluża fl-ittra uffiċjali (anke jekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti d-differenza fil-verità mhix waħda ta' sustanza). Huwa vera li l-Artikolu 166A(2) jagħti s-setgħa lil Ministru tal-Ġustizzja jippreskrivi l-forma tal-ittra uffiċjali b'avviż legali. Però ladarba id-diċitura tat-twissija lid-debitur hija* expressis verbis *preskritta fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, u dan addirittura taħt piena ta' nullità, il-Ministru ma setgħax b'regolament jinnewtralizza l-liġi prinċipali (il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili) billi jippreskrivi diċitura tat-twissija b'termini differenti. Is-setgħa mogħtija mill-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili lill-Ministru sabiex jagħmel regolamenti dwar il-forma tal-ittra uffiċjali, għandha titqies li hu għandu s-setgħa li jippreskrivi rekwiżiti dwar il-forma tal-ittra uffiċjali, li m'humiex ġia* expressis verbis *kontemplati mill-Kodiċi.*

*32. Konsegwentement, in kwantu d-diċitura tat-twissija lid-debitur kontenuta fl-Avviż Legali 278 tal-2005 (L.S. 12.22) mhix konformi mad-diċitura preskritta fl-Artikolu 166A(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dik id-diċitura fl-Avviż Legali hija* pro tanto ultra vires*, u konsegwentement nulla u bla effett.*

*33. Din il-Qorti hija konsapevoli li din l-intrepretazzjoni tal-liġi ma taqbilx ma' dik ta' sentenza oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, (fn. 5* ***Carmelo sive Charles Bianco nomine vs Boris Formosa*** *deċiża fil-11 ta' Ġunju 2018 minn din il-Qorti (per Maġistrat Francesco Depasquale) fejn ġie ritenut li għandha tapplika id-diċitura preskritta fl-Avviż Legali. Però wara li qrat is-sentenza, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida għalfejn għandha tbiddel l-opinjoni tagħha kif fuq spjegata, apparti l-fatt li d-diċitura tat-twissija lid-debitur fl-ittra uffiċjali meritu ta' dik is-sentenza kienet differenti mid-diċitura fl-ittra uffiċjali meritu ta' din is-sentenza. In oltre f'dik is-sentenza, il-Qorti ma daħlitx fil-kwistjoni jekk liġi sussidjarja tistax tkun konfliġġenti mal-liġi prinċipali.*

*34. Fil-kaz odjern, id-dicitura tat-twissija lid-debitur tirrifletti fedelment dik preskritta taħt piena ta' nullità fl-Artikolu 166A(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, u konsegwentement t-talba tar-rikorrent li l-ittra uffiċjali għandha tiġi annullata għax ma saritx skont il-forma stabbilita fl-Avviż Legali 278 tal-2005 qiegħda tiġi miċħuda.*

*(ii) L-Ittra Uffiċjali hija nieqsa mir-rekwiżiti preskritti fl-Artikolu 166A(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili*

*35. It-tieni raġuni għalfejn ir-rikorrent qiegħed jitlob li l-ittra uffiċjali għandha tiġi annullata hija għaliex hija nieqsa mir-raġuni li fuqha ġiet imsejsa t-talba, mir-*

*raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa' kif ukoll hija nieqsa mid-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.*

*36. Fl-ittra uffiċjali in kwistjoni jingħad hekk:*

> "Bil-preżenti ittra uffiċjali Carmelo sive Charles Bianco (K.I. 44368M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà "Western Company Ltd ta' "Gianluca Garage", Triq Santa Marija, Birkirkara, qiegħed jinterpellak sabiex fi żmien tletin (30) jum min-notifika ta' din l-ittra inti tħallsu l-ammont globali ta' ħmistax-il elf, tlett mija u erbgħa u erbgħin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€15,344.61), rappreżentanti import ta' kambjali li mmaturaw, flimkien mal-interessi relattivi, liema ammont huwa dovut hekk kif jirriżulta mill-kuntratt tal-bejgħ anness (Dok A)."

*37. Fir-rikors promotur tiegħu, ir-rikorrent jissottometti illi meta wieħed iqabbel l-ammont reklamat fl-ittra uffiċjali - €15,344.61 - mal-ammont indikat f'Dok A anness mal-ittra uffiċjali ta' €10,950, jinduna li l-ammonti ma jaqblux u hemm diskrepanza ta' €4,293.61. Skont ir-rikorrent dan ifisser li l-ammont mhux ċert, likwidu u dovut, iżda ammont stabbilit mis-soċjetà intimata u mhux rifless fil-ftehim u l-kambjali li abbażi tagħhom saret l-ittra uffiċjali.*

*38. Ir-rikorrenti jilmenta wkoll li l-ittra uffiċjali tagħmel riferenza għal kambjali li immaturaw, iżda dawn ma ġewx annessi mal-istess ittra. Minflok ġiet annessa skrittura privata. Huwa jgħid ukoll li lanqas ma jirriżulta n-numru u l-ammont tal-kambjali u d-data tal-iskadenza tagħhom.*

*39. Ir-rikorrenti jissottometti wkoll li l-ittra uffiċjali ma tikkontjeniex ir-raġuni li fuqha ġiet imsejsa t-talba, ir-raġuni għaliex tintlaqa' t-talba u d-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.*

*40. Min-naħa l-oħra is-soċjetà intimata issottomettiet li ma hemm l-ebda diskrepanza bejn il-valur imsemmi fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet u l-ammont indikat fl-ittra uffiċjali, għax id-diskrepanza tirrappreżenta l-imgħaxijiet li iddekorrew bejn Diċembru 2016 meta ġie iffirmat il-ftehim u Ġunju 2020 meta ntbagħtet l-ittra uffiċjali.*

*41. Is-soċjetà intimata issottomettiet ukoll li l-ittra uffiċjali issemmi kemm kambjali kif ukoll ftehim bil-miktub li huwa esebit mal-ittra. Fil-ftehim ossia skrittura hemm id-dettalji kollha tal-vettura mibjugħa lir-rikorrent u allura d-dettalji tad-dejn. Is-soċjetà intimata tgħid illi dak li ried il-leġislatur huwa li l-ittra uffiċjali jkollha l-fatti ċari biżżejjed biex min jirċieviha jista' jifhem faċilment xi tkun il-pretensjoni li tkun qed tiġi avvanzata fil-konfront tiegħu biex ikun jista' jikkontestaha jekk ikun il-każ. Hija tgħid*

*li m'hemm xejn x'seta' jiġi spjegat iktar mill-eżibizzjoni tal-ftehim in kwistjoni. Għalhekk dan ir-rekwiżit ġie sodisfatt ukoll.*

*42. Rigward dawn l-ilmenti tar-rikorrenti, il-Qorti, apparti l-ittra uffiċjali, qrat ukoll id-Dok A anness magħha. Dan id-dokument huwa skrittura privata datata 24 ta' Diċembru 2016, fejn is-soċjetà biegħet vettura tal-għamla Volkswagen bin-numru ta' reġistrazzjoni IRU – 013 lir-rikorrent bil-prezz ta' €10,950, u hija iffirmata minn Charles Bianco għas-socjetà intimata u mir-rikorrent. Fi klawsola 2 tal-iskrittura jingħad li ma kien qed jitħallas l-ebda ammont mill-prezz fuq l-iskrittura u* "id-differenza ta' €10,950 … … ser jitħallsu f'pagamenti mensili ta' €189.93 għal 84 xahar konsekuttivi inkluż l-imgħax ta' 8% u spejjeż amministrattivi." *Imbagħad, fi klawsola 3 tal-iskrittura hemm stipulat li jekk ir-rikorrent, bħala kompratur, ikun moruż fl-ekwivalenti ta' żewġ (2) pagamenti, huwa jiddekadi mill-benefiċċju tat-terminu u r-rimanenti bilanċ ikun dovut f'daqqa.*

*43. Għalhekk, għalkemm is-soċjetà intimata biegħet il-vettura lir-rikorrent bil-prezz ta' €10,950, dan l-ammont kellu jitħallas b'pagamenti mensili ta' €189.93 għal 84 xahar, u allura r-rikorrent kellu jħallas lis-soċjetà intimata l-ammont totali ta' €15,954.12 (€189.93 x 84). Fl-ittra uffiċjali de quo, ir-rikorrent ġie mitlub iħallas l-ammont ta' €15,344.61 – ammont inqas minn dak minnu dovut ai termini tal-iskrittura privata. Fl-ittra uffiċjali jingħad ukoll li r-rikorrent ġie interpellat sabiex iħallas l-ammont dovut, iżda huwa baqa' inadempjenti. Għalhekk is-sottomissjoni tar-rikorrent li l-ammont pretiż fl-ittra uffiċjali mhux rifless fil-ftehim anness mal-istess ittra u li dan l-ammont pretiż fl-ittra uffiċjali ġie arbitrarjament iffissat mis-soċjetà rikorrenti hija fattwalment infondata.*

*44. Ir-rikorrent jilmenta wkoll li l-ittra uffiċjali ma tikkontjeniex dikjarazzjoni tal-fatti u r-raġuni fuq liema ġiet imsejsa t-talba. Huwa veru li l-ittra uffiċjali de quo ma tikkontjenix elenku formali tal-fatti, però tagħmel riferenza għall-iskrittura privata annessa magħha iffirmata bejn ir-rikorrent u s-soċjetà intimata. L-iskrittura privata tgħid b'mod ċar l-ammont dovut, għal x'hix inhu dovut, u kif għandu jsir il-ħlas. Għalhekk meta rċieva l-ittra uffiċjali bl-iskrittura privata annessa magħha, ir-rikorrent ċertament kien jaf il-fatti u r-raġuni għalfejn is-soċjetà intimata kienet qiegħda tippretendi l-ħlas mingħandu – l-ħlas tal-bilanċ tal-prezz, imgħaxijiet u spejjeż amministrattivi tal-vettura mibjugħa lilu, skont l-iskrittura privata iffirmata bejn il-partijiet.*

*45. Il-Qorti tirrileva wkoll li għalkemm l-ittra uffiċjali ġiet reża eżekuttiva fil-31 ta' Lulju 2020, il-mandat ta' sekwestru inħareġ fit-3 ta' Ġunju 2021 – ċioe għaxar (10) xhur wara. Fil-mandat ta' sekwstru is-sorte huwa l-ammont ta' €3,727 u t-titolu eżekuttiv*

*huwa indikat bħala* "bilanċ dovut, minn somma akbar, skont ittra uffiċjali (166A) bin-numru 68/20 fl-ismijiet fuq premessi, reża eżekuttiva fil-31 ta' Lulju 2020.". *Għaldaqstant jirriżulta li mid-data li fiha l-ittra uffiċjali ġiet reża eżekuttiva sad-data tal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru, l-ammont ta' €15,344.61 dovut mir-rikorrent lis-soċjetà intimata ġie ridott għal €3,767. Dan ovvjament jindika li matul dawk l-għaxar (10) xhur saru pagamenti akkont tal-ammont dovut mir-rikorrenti lis-soċjetà intimata.*

*46. Huwa vera li fl-ittra uffiċjali hemm ukoll riferenza għal kambjali li ma ġewx eżebiti mal-ittra uffiċjali, però fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan il-fatt bl-ebda mod ma seta' ippreġudika lir-rikorrent fid-difiża tiegħu. L-ittra uffiċjali de quo ma ntbagħatitx biex tirrendi xi kambjali eżekuttivi, iżda saret a bażi ta' rabta kontrattwali ta' bejgħ, sabiex il-bilanċ tal-prezz dovut jiġi reż eżekuttiv. Fil-fatt fl-iskrittura ta' bejgħ annessa mal-ittra uffiċjali ma hemm l-ebda riferenza għal kambjali.*

*47. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm l-ittra uffiċjali setgħet ġiet redatta aħjar, meta din l-ittra tinqara fit-totalità tagħha, u ċioe flimkien mal-iskrittura privata ta' bejgħ annessa magħha, wieħed isib mhux biss il-fatti li fuqhom is-soċjetà intimata kienet qiegħda tibbażа l-pretensjoni tagħha għal ħlas, iżda wkoll ir-raġuni għalfejn kienet qiegħda tippretendi dan il-ħlas. Konsegwentement, meta rċieva l-ittra, ir-rikorrent ma kien bl-ebda mod menomat fid-deċiżjoni tiegħu jekk jikkontestax il-pretensjoni fl-ittra uffiċjali in toto jew in parte fit-terminu preskritt. Id-deċiżjoni li ma jikkontestax l-ittra uffiċjali kienet tiegħu, u jrid ibati l-konsegwenzi tagħha.*

*48. In vista tal-konklużjonijiet ta' din il-Qorti fuq il-meritu tal-vertenza, ma hemmx lok li din il-Qorti tinoltra ruħha fit-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tar-rikorrent u fit-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata."*

## **L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-1 ta' Novembru, 2021, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha:

*"...prevja li tikkonferma dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà intimata u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-intimata, tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-kumplament tas-sentenza appellata mogħtija mill-*

> *Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-1 ta' Ottubru 2021 fl-ismijiet "Carmelo sive Charles Bianco għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Western Company Limited vs Clayton Sciberras", bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata".*

L-appellant jgħid li dawn huma l-aggravji tiegħu: (a) l-ewwel Qorti naqset milli tottempora ruħha ma' dak li jiddisponi s-subartikolu 166A(2) tal-Kap. 16 u l-A.L. 278 tal-2005; u (b) l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-konflitt fil-fatti fl-ittra uffiċjali.

7. L-appellat nomine wieġeb fis-17 ta' Novembru, 2021, fejn issottometta li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma minn din il-Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet imressqa mill-appellat nomine permezz tar-risposta tiegħu.

9. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-ewwel Qorti naqset milli tħares id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 166A(2) tal-Kap. 12 u dawk tal-A.L. 278 tal-2005. Jispjega li s-subartikolu 166A(2) jirrikjedi b'mod ċar li l-ittra ppreżentata skont l-artikolu 166A tal-Kap. 12 għandha tkun skont il-forma stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja permezz ta' avviż legali. Huwa hawn jiċċita r-regolament 2 tal-A.L. 278 tal-2005, u jikkontendi li dan ma jħallix lok għal interpretazzjoni. Jinsisti li għandha dejjem tiġi miktuba t-twissija li huwa fl-interess ta' min jirċievi l-ittra sabiex ikellem avukat jew prokuratur legali. L-

appellant jissottometti li huwa ma jaqbilx mal-ewwel Qorti fejn din f'paragrafu 31 tas-sentenza appellata tagħti x'jifhem li l-avviż legali m'għandux saħħa ta' liġi u għalhekk jista' jiġi mwarrab. L-appellant jgħid li huwa jaf bis-sentenza ta' din il-Qorti deċiża fit-22 ta' Settembru, 2021 fl-ismijiet **Melita Limited *vs.* Jody Pisani**, App. 214/2018, iżda jinsisti li hawn ma jistax jingħad li t-twissija tas-subartikolu 166A(3) tal-Kap. 12 tkopri t-twissija tal-Avviż Legali 278 tal-2005, li għandha l-iskop li tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ittra in kwistjoni mhijiex waħda komuni, u kien hemm għalhekk il-ħtieġa li jmur jieħu parir kif meħtieġ mingħand professjonist legali. Imbagħad għal dak li jirrigwarda l-paragrafu 32 tas-sentenza appellata, l-appellant jgħid li huwa għandu dubji serji dwar kemm l-ewwel Qorti għandha kompetenza tiddikjara n-nullità ta' liġi.

10. L-appellat nomine jissottometti li l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-avviż li għandu jkun hemm fl-ittra uffiċjali bħal dik in kwistjoni, kien wieħed tajjeb u għandu jiġi kkonfermat. Għal dak li huwa l-argument tal-appellant li l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkonsidra kwistjonijiet dwar kif jiġu promulgati l-liġijiet u li hija daħlet fil-kwistjoni ta' nullità ta' liġi, jgħid li dan mhux minnu. Jammetti li hemm diskrepanza u saħansitra żball leġislattiv bejn dak li jipprovdi għalih is-subartikolu 166A(2) tal-Kap. 12 u l-Avviż Legali 278 tal-2005, iżda jsostni li għandha tkun din il-Qorti li tipprovdi għall-interpretazzjoni korretta biex ma tinħoloqx aktar inċertezza. L-appellat nomine jgħid li fil-fehma tiegħu, huwa l-avviż kif ikkontemplat u mitlub fis-subartikolu 166A(2) tal-Kap. 12 li għandu jiġi applikat, għaliex (a) dan kuntrarjament għal dak li jipprovdi l-Avviż Legali 278 tal-2005, jirrikjedi diċitura speċifika taħt piena ta' nullità; (b) liġi prinċipali ma tistax tiġi emendata permezz ta' avviż legali u

għalhekk għandha tipprevali dik tal-ewwel. Dan filwaqt li huwa ċċita silta mis-sentenza ta' din il-Qorti suriferita.

11. Il-Qorti tgħid li l-ewwel Qorti iddeċidiet sew. Fis-sentenza appellata tagħha, hija tibda billi tiċċita kemm l-intestatura tal-ittra uffiċjali in kwistjoni, u anki d-disposizzjonijiet tar-regolament 2 tal-A.L. 278 tal-2005, u dawk tas-subartikolu 166A(3) tal-Kap. 12. Imbagħad tgħid li kif tajjeb irrileva l-appellat nomine fir-risposta tiegħu, jidher li meta sar l-Avviż Legali in kwistjoni l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja nesa li l-leġislatur kien diġà pprovda għal twissija permezz ta' dan is-subartikolu, u l-Avviż Legali għamlu b'diċitura differenti minn dak li kien hemm fil-liġi prinċipali. L-ewwel Qorti għarfet korrettement li skont il-każistika tal-Qrati tagħna, liġi sussidjarja ma tistax tmur kontra l-liġi prinċipali, u in sostenn ta' dan hija għamlet riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* George Pace** kif deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Mejji, 1937, u anki għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Ganni Vassallo** deċiża ukoll minn dik il-Qorti fit-28 ta' Ġunju, 1952.

12. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, l-ewwel Qorti stqarret li l-Ministru ma setax permezz ta' regolament jippreskrivi għal diċitura differenti, fejn saħansitra tali diċitura kienet soġġetta għal piena ta' nullità, u b'hekk jinnewtralizza l-liġi prinċipali, anki jekk id-differenza ma kinitx waħda ta' sustanza. Għalhekk fejn id-diċitura tat-twissija kif tinstab fl-Avviż Legali 278 tal-2005, ma kinitx taqbel ma' dik tas-subartikolu 166A(3) tal-Kap. 12, l-ewwel Qorti qalet li d-diċitura tal-Avviż Legali hija *pro tanto ultra vires,* u konsegwentement nulla u bla effett. Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-konklużjoni tal-ewwel Qorti, u tafferma għal darb'oħra l-insenjament li d-disposizzjonijiet tal-liġi prinċipali għandhom

jipprevalu fuq dawk tal-liġi sussidjarja, li hekk kif hija msejħa tibqa' dejjem waħda sussidjarja.

13. L-ewwel Qorti mbagħad iddikjarat li hija kienet taf li l-interpretazzjoni tagħha ma kinitx taqbel ma' sentenza oħra tal-istess Qorti kif diversament ippreseduta, fejn ġie ritenut li d-diċitura applikabbli kienet dik li jipprovdi għalih l-Avviż Legali. Iżda ddikjarat li wara li qrat dik is-sentenza, ma kienet qegħda ssib l-ebda raġuni sabiex tbiddel l-opinjoni tagħha. L-istess tirritjeni din il-Qorti. L-ewwel Qorti kompliet billi osservat li d-diċitura tat-twissija fl-ittra uffiċjali mertu ta' dawk il-proċeduri kienet differenti minn dik tal-proċeduri odjerni, u l-Qorti hemmhekk ma daħlitx fil-kwistjoni dwar jekk liġi sussidjarja setgħetx tkun konfliġġenti mal-liġi prinċipali. L-ewwel Qorti esprimiet il-fehma tagħha li fil-każ odjern id-diċitura tat-twissija kienet issegwi dak li kien preskritt taħt piena ta' nullità fis-subartikolu 166A(3) tal-Kap. 12, u hawn din il-Qorti żżid tgħid li r-regolament (2) tal-Avviż Legali fil-fatt ma jipprovdi għall-ebda nullità. Għalhekk sewwa għamlet l-ewwel Qorti meta għaddiet sabiex ċaħdet it-talba tal-appellant għal dikjarazzjoni ta' nullità tal-ittra uffiċjali.

14. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tal-appellant ġustifikat u tiċħdu.

15. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li l-ewwel Qorti naqset milli tqis il-kunflitt fil-fatti tal-ittra uffiċjali. Jispjega li filwaqt li din tagħmel riferiment għall-kambjali, l-iskrittura annessa magħha mhijiex kambjala u lanqas tagħmel riferiment għal xi kambjali. L-appellant jissottometti ukoll li meta l-ewwel Qorti ħadmet il-pagamenti fix-xahar li kienu dovuta skont dik l-iskrittura, xorta waħda

ma waslitx għal dak l-ammont li kien hemm imniżżel fl-ittra uffiċjali. Fl-aħħarnett jirrileva li l-ittra uffiċjali kienet nieqsa mir-raġuni li fuqha ġiet imsejsa t-talba, u saħansitra m'hemmx riferiment għall-vettura msemmija fl-iskrittura.

16. L-appellant nomine jaċċetta li l-ittra uffiċjali kienet tagħmel riferiment għall-kelma kambjali, meta l-mertu ma kienx import ta' kambjali, imma dak li kien jirriżulta minn skrittura privata. Jissottometti li madankollu, kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, dan ma kienx biżżejjed biex jippreġudika lill-appellant. Jgħid li l-iskrittura privata kienet biżżejjed sabiex wieħed jifhem għal-liema debitu kien qiegħed isir riferiment. Jekk imbagħad huwa ma kienx qed jaqbel mal-ammont mitlub, l-appellant kien tenut jikkontesta l-ittra uffiċjali skont il-liġi, u b'hekk ma kien hemm l-ebda difett fin-notifika. Jagħlaq is-sottomissjonijiet tiegħu billi jagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Alfred u Mary konjuġi Vella *vs.* Agostino Camilleri** kif deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' Frar, 1997.

17. Il-Qorti tagħraf li dawn l-argumenti tal-appellant diġà tressqu quddiem l-ewwel Qorti, li ddisponiet minnhom billi ċaħdithom. Wara li eżaminat id-Dok. A anness mal-ittra uffiċjali, l-ewwel Qorti osservat li l-appellant fl-ittra uffiċjali ġie mitlub iħallas ammont inqas minn dak li rriżulta lilha mill-kalkoli tagħha, jiġifieri minflok €15,954.12 huwa ġie mitlub iħallas €15,344.61. Għalhekk kienet korretta meta ddikjarat bħala nfondata s-sottomissjoni tal-appellant li l-ammont mitlub fl-ittra uffiċjali ma kienx jidher fil-ftehim anness magħha, u li dan kien ġie ffissat b'mod arbitrarju mill-appellat nomine. Għal dak li jirrigwarda l-ilment tal-appellant li l-ittra uffiċjali ma kellhiex dikjarazzjoni tal-fatti u r-raġuni li fuqha kienet imsejsa t-talba, l-ewwel Qorti kkonsidrat li madankollu din kienet

tagħmel riferiment għall-iskrittura privata annessa magħha li kienet tindika b'mod ċar l-ammont dovut, għaliex kien dovut u kif għandu jitħallas. Għalhekk sewwa qieset l-ewwel Qorti li meta l-appellant irċieva din l-ittra uffiċjali, huwa kien ċertament jaf il-fatti u r-raġuni għall-ħlas pretiż. L-ewwel Qorti osservat ukoll, kif għamlet din il-Qorti, li għalkemm l-ittra uffiċjali kienet ġiet reża eżekuttiva fil-31 ta' Lulju, 2020, il-mandat ta' sekwestru kontra l-appellant inħareġ fil-3 ta' Ġunju, 2021, jiġifieri għaxar xhur wara, fejn l-ammont dovut ġie ridott għal €3,767.00. B'hekk qalet kien jirriżulta li l-appellant kien għamel xi pagamenti akkont ta' dak mitlub minnu. Filwaqt li aċċettat li kien minnu li l-kambjali li għalihom sar riferiment ma ġewx esebiti mal-ittra uffiċjali, l-ewwel Qorti esprimiet il-fehma li dan il-fatt ma setax jippreġudika lill-appellat nomine stante li l-ittra uffiċjali ma saritx sabiex tirrendi xi kambjali eżekuttivi, iżda saret skont rabta kuntrattwali ta' bejgħ fejn l-iskrittura fil-fatt ma tagħmel l-ebda riferiment għal kambjali. L-ewwel Qorti ddikjarat li l-ittra uffiċjali in kwistjoni setgħet fil-fatt ġiet redatta aħjar, iżda meta tinqara flimkien mal-iskrittura privata annessa magħha, wieħed kien isib kemm il-fatti li fuqhom ġiet imsejsa l-pretensjoni tal-appellant nomine, u anki ir-raġuni għaliex hija kienet qegħda titlob il-ħlas. Għalhekk l-ewwel Qorti sewwa kkonsidrat li meta l-appellant rċieva l-ittra uffiċjali, id-deċiżjoni sabiex ma jikkontestahiex kienet proprju tiegħu u b'hekk huwa kellu ibati l-konsegwenzi.

Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx it-tieni aggravju ġustifikat u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**